## 5 ta' Mejju, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt. LL.D.

Anthony Cini *versus* Dolores Cini

## Ċitazzjoni — Dokumenti — Beni Dotali — Akkwisti Konjugali — Separazzjoni Personali — "Litis Pendentia" — Art. 1303, 1362 u 1282 tal-Kodiċi Ċivili — Ara. 155 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tirrendi irritwali ċ-ċitazzjoni li ma tkunx akkompanjata mid-dokumenti meħtieġa biex isostnu t-talba tikkontempla dawk id-dokumenti li l-konvenut ma jkunx jaf bihom, jew għall-anqas dawk id-dokumenti li l-eżibizzjoni tagħhom hi talment neċessarja li mingħajrhom il-konvenut ma jkunx jista' jiddefendi ruħu. Kitba taż-żwieġ li saret bejn il-kontendenti, li fiha l-parti konvenuta kienet parti, mhix dokument minn din ix-xorta.*

*Matul iż-żwieġ, ir-raġel biss hu l-amministratur tal-beni dotali, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi; u anki l-amministrazzjoni tal-akkwisti konjugali tmiss lir-raġel, li quddiem it-terzi jista' jiddisponi minnhom daqs kieku kienu tiegħu. U kwalunkwe ftehim kuntrarju għal dawn il-poteri, mogħtija lir-raġel bħala kap tal-familja, huwa mill-liġi dikjarat null u mingħajr effett.*

*Sakemm ir-raġel ma jiġix b'deċiżjoni ġudizzjarja irrevokabbli privat minn dawn il-poteri, dawn jibqgħu tiegħu; u għalhekk is-sempliċi pendenza ta' kawża għas-separazzjoni personali ma tistax tnaqqaslu dawn il-poteri, u wisq anqas tipprivah minnhom.*

*Għaldaqstant il-mara ma tistax tippretendi li, għax hemm pendenti kawża tas-separazzjoni personali, u hija qegħdha tgħix għal rasha, għandha dritt iżżomm dawk l-oġġetti għax trid tagħmel użu minnhom.*

*U lanqas tista' l-mara, li jkollha f'idejha dawk l-oġġetti, tirrifjuta li tikkonsenjahom lill-żewġha billi tallega l-biża tagħha li hu jista' faċilment jiddistrahihom; għax dawk l-oġġetti jinsabu għandha illegalment; salvi dawk ir-rimedji li talvolta jista' jkollha skond il-liġi biex tissalvagwarda d-drittijiet tagħha fuq dawk l-oġġetti.*

*Lanqas hu ostattiv għad-domanda tar-raġel kontra l-mara għar-restituzzjoni ta' dawk l-oġġetti l-fatt li r-raġel ikun ġa fetaħ kawża tas-separazzjoni personali kontra tagħha li tkun tinvolvi anki r-restituzzjoni ta' dawk l-oġġetti, jekk fil-kawża tas-separazzjoni ma tkunx mitluba r-restituzzjoni ta' dawk l-oġġetti; għax allura tkun tonqos l-identità tal-oġġett tal-kawża, li hu meħtieġ għall-eċċezzjoni tal-"litis pendentia". U dan apparti milli jkun antiġuridiku li fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni personali, istitwita minnu stess, ir-raġel jiġi privat mill-poter li għandu skond il-liġi li jżomm dawk l-oġġetti, u li jista' jitlef biss b'sentenza irrevokabbli.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi bejn il-kontendenti tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kawża ta' separazzjoni personali istitwita ad istanza ta' l-attur kontra l-konvenuta martu; u billi l-attur, fil-kwalità premessa, għandu d-dritt iżomm fil-poter tiegħu l-għamara, id-deheb u l-effetti kollha l-oħra, li l-kontendenti għamlu flimkien u li rċevew bħala rigali taż-żwieġ, u dawk li ġew apportati mill-konvenuta bħala dota, liema effetti jinsabu f'idejn il-konvenuta b'perikolu kbir li jiġu minnha distratti, u jirriżultaw mill-annessa nota deskrittiva hawn annessa (dok. A); talab li l-konvenuta minn din il-Qorti tiġi kundannata tikkonsenja lill-attur, fi żmien qasir u perentorju, l-imsemmija effetti mobili. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid tat-23 ta' Novembru, 1954, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-ewwel eċċezzjoni, dina tikkonsisti fil-li *l-attur naqas milli jeżibixxi* maċ-ċitazzjoni d-dokumenti kollha meħtieġa skond l-art. 155(2) Pro. Ċiv. Skond l-interpretazzjoni ormaj kostanti, il-liġi tikkontempla dawk id-dokumenti li ma jkunx jaf bihom il-konvenut, jew għall-anqas dawk id-dokumenti li l-eżibizzjoni tagħhom hija talment neċessarja illi mingħajrhom il-konvenut ma jkunx jista' jiddefendi ruħu *(Kollez.* XXVIII-III-1221). Issa, il-kitba tażżwieġ bejn il-kontendenti mhix dokument minn din ix-xorta; il-konvenuta mhux biss kienet taf bil-kontenut tiegħu sa minn qabel il-kawża, iżda ħadet parti fil-kuntrattazzjoni hemm stipulata, u għalhekk id-difiża tagħha ma ġiet bl-ebda mod preġudikata. Del resto, id-dokument jinsab il-lum eżibit, u *l-konvenuta ma għamlet* ebda riljev li jirrigwarda direttament il-kontenut tiegħu; l-oppożizzjoni tagħha hija wkoll bażata fuq punti legali jew raġunijiet ta' konvenjenza. Konsegwentement l-eċċepita irritwalità mhix sostenibbli;

Illi ugwalment mingħajr bażi hija t-tieni eċċezzjoni, illi ċjoè l-konvenuta qegħdha tgħix f'dar għal rasha u għandha *d-dritt li tagħmel użu mill-oġġetti* in kwistjoni. In forza tal-kuntratt pubblikat minn Nutar Giovanni Carmelo Chapelle fit-18 ta' Novembru, 1948 (fol. 11) ġiet kostitwita favur il-konvenuta dota konsistenti f'effetti mobili u flus tal-valur komplessiv ta' £1,426, "liema oġġetti u flus l-għarus jiddikjara li rċieva b'soddisfazzjon tiegħu", u ħarġet *kontra tiegħu* l-ipoteka legali numru 719 ta' dik is-sena. Kif jidher minn nota ta' l-attur (fol. 10), l-attur jippretendi li x'uħud mill-oġġetti reklamati kienu ġew akkwistati wara li sar iż-żwieġ, bi flus dotali; il-konvenuta tikkontesta dina l-allegazzjoni. Dawn l-oġġetti, skond l-art. 1365(e) tal-Kodiċi Ċivili, daħlu se maj fil-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi, skond l-art. 1303 Kod. Ċivili, ir-raġel biss, matul iż-żwieġ, hu l-amministratur tal-beni dotali, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, jiġifieri dawk relattivi għas-separazzjoni personali u għas-separazzjoni tal-beni; u skond l-art.

1362(1) ta' l-istess Kodiċi, l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti konjugali tmiss lir-raġel, li quddiem it-terzi jista' jiddisponi minnhom daqs kieku kienu ħwejġu. Kwalunkwe ftehim, imbagħad, kuntrarju għal dawn il-poteri, mogħtija lir-raġel bħala kap tal-familja, huwa mill-liġi dikjarat null u mingħajr effett (art. 1282(1) u 1362(2) Kod. Ċiv.);

Illi sakemm ir-raġel ma jiġix, b'deċiżjoni ġudizzjarja irrevokabbli, privat minn dawn il-poteri, dawn jibqgħu jseħħu; molto più li, aktar minn drittijiet, dawn huma doveri veri u proprji; u għalhekk is-sempliċi pendenza ta' kawża għas-separazzjoni personali ma tistax tnaqqaslu, u wisq anqas tipprivaħ minn dawk il-poteri (ara f'dan is-sens Kollez. XXVII-III-368, u P.A. 27 ta' Jannar, 1955 in re "Cilia utrinque"). Issa, billi l-poter ta' l-amministrazzjoni li għandu l-attur jimplika li l-oġġetti jkunu f'idejħ, l-eċċezzjoni tal-konvenuta mhix fondata;

Illi, fit-tielet lok, il-konvenuta topponi ruħha għar-restituzzjoni tal-oġġetti għaliex tibża li l-attur faċilment jiddistrahihom. Dina, però, mhix raġuni biex hija ma treġġax lura dawk l-oġġetti, li jinsabu f'idejha illegalment; salvi dejjem dawk ir-rimedji li talvolta jista' jkollha, skond il-liġi, biex tissalvagwarda d-drittijiet tagħha fuq dawk l-oġġetti;

Illi, fit-trattazzjoni orali, id-difensur tal-konvenuta rrileva illi l-oġġett ta' dina l-kawża jinsab involut fil-kawża tas-separazzjoni li ġa kienet pendenti minn qabel ma saret il-kawża odjerna, u għalhekk dina ma tistax tkompli sejra sakemm ma tkunx deċiża l-kawża tas-separazzjoni personali. Huwa veru illi l-attur f'dik il-kawża qiegħed, "inter alia", jitlob li jiġu applikati kontra l-konvenuta, f'kollox jew f'parti, id-dispożizzjonijiet tal-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili; iżda, apparti li l-art. 56 ma għandux x'jaqsam mal-każ tagħha, u illi l-art. 57 jipprevedi d-dekadenza tal-mara mid-dotarju, f'dik il-kawża l-attur mhux jitlob ir-restituzzjoni tal-oġġetti in kwistjoni, u għalhekk jonqos ir-rekwiżit tal-identità tal-oġġett, meħtieġ għall-eċċezzjoni tal-"pendentia litis" kontemplata fl-art.795 (Proċ. Ċiv.). Mhux, mbgħad, ta' min jinjora l-fatt li l-istanza għas-separazzjoni personali ġiet proposta mill-attur; u għalhekk ikun antiġuridiku kieku, fil-pendenza ta' dawk il-proċeduri minnu stess proposti, l-attur

jiġi privat mill-poteri li għandu skond il-liġi, u li jista' jitlef biss b'sentenza irrevokabbli;

Illi fil-meritu, u rigward il-konsistenza tal-oġġetti mitluba, ma saret ebda kontestazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

U konsegwentement tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenjalu l-oġġetti minnu mitluba fi żmien ħmistax il-ġurnata mil-lum;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.